

**Suġġett**

Appell magħmul kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tas-16 ta' Mejju 2007 fil-kawża Merant vs UASI (T-491/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni R 542/2002-2 tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tat-18 ta' Ottubru 2004, li laqgħet l-appell imressaq kontra d-deċiżjoni ta' l-oppożizzjoni li rrifjutat parzjalment l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja verbali "FOCUS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 6, 7, 8, 9, 14, 15, 16, 21, 24, 25, 26, 28, 29, 32, 33, 34, 35, 36, 38, 39, 41 u 42 fil-kuntest ta' l-oppożizzjoni mressqa mill-proprjetarju tat-trade mark nazzjonali figurattiva "MICRO FOCUS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 41 u 42 — Probabbiltà ta' konfużjoni bejn żewġ trade marks

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Focus Magazin Verlag GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 79, 29.3.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — L-Italja) — Hospital Consulting Srl, ATI HC, Kodak SpA, Tecnologie Sanitarie SpA vs Esaote SpA, ATI, Ital Tbs Telematic & Biomedical Service SpA, Draeger Medica Italia SpA, Officina Biomedica Divisione Servizi SpA**

(Kawża C-386/07) (<sup>1</sup>)

*(Regoli tal-Proċedura — Artikoli 92(1) u 104(3) — Regoli Komunitarji fil-qasam tal-kompetizzjoni — Sistemi nazzjonali dwar it-tariffa ta' l-onorarji ta' avukat — L-iffissar ta' onorarji minimi — Inammissibilità parzjali — Domandi li r-risposta tagħhom tista' tiġi dedotta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja)*

(2008/C 209/23)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hospital Consulting Srl, ATI HC, Kodak SpA, Tecnologie Sanitarie SpA

Konvenuti: Esaote SpA, ATI, Ital Tbs Telematic & Biomedical Service SpA, Draeger Medica Italia SpA, Officina Biomedica Divisione Servizi SpA

Fil-preżenza ta': Azienda Sanitaria locale ULSS nru 15 (Alta Padovana, Regione Veneto)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Consiglio di Stato — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 10 u 81(1) KE u tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, p. 36) — Iffissar, minn organizzazzjoni professjonali nazzjonali, ta' tariffa obbligatorja għas-servizzi ta' avukat suġġetta għal approvazzjoni ministerjali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-imħallfin, fil-kuntest tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fuq l-ispejjeż, li jidderogaw mill-onorarji minimi stabiliti

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikoli 10 KE u 81 KE ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi bħala regola li ssir deroga mill-onorarji minimi approvati mid-digriet ministerjali, fuq il-bażi ta' abbozz imfassal minn organizzazzjoni professjonali ta' l-avukati bħall-Consiglio nazionale forense, u li tipprojbixxi wkoll lill-qorti, meta tkun qed tiddeċiedi fuq l-ammont ta' l-ispejjeż li l-parti li tilfet għandha tħallas favur il-parti l-oħra, li tidderoga mill-imsemmija onorarji minimi.
- 2) It-tielet domanda magħmula mill-Consiglio di Stato, permezz tad-deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2006, hija manifestament inammissibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 283, 24.11.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Mejju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky, ir-Repubblika Slovakkja) — Karol Mihal vs Daňový úrad Košice V**

(Kawża C-456/07) (<sup>1</sup>)

*(L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Sitt Direttiva VAT — Persuni taxxabli — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(5) — Korpi rregolati bid-dritt pubbliku — Marixxalli tal-Qorti — Persuni fiżiċi u ġuridiċi)*

(2008/C 209/24)

Lingwa tal-kawża: Is-Slovakk

**Qorti tar-rinviju**

Najvyšší súd Slovenskej republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Karol Mihal

Konvenut: Daňový úrad Košice V

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Najvyšší súd Slovenskej republiky — Interpretazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4 (5) tad-Direttiva 77/388 KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Korp irregolat bid-dritt pubbliku li jwettaq attivitajiet jew operazzjonijiet bħala awtorità pubblika li mhuxwiegħ suġġett għat-taxxa — Inklużjoni ta' marixxalli tal-qorti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tagħhom — Effett dirett

**Dispożittiv**

Attività eżerċitata minn individwi, bħal dik ta' marixxall tal-qorti, mhijex eżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud minħabba s-sempliċi fatt li din tikkonsisti fit-tweġġ ta' atti li jaqgħu fil-prerogattivi ta' l-awtorità pubblika. Anki jekk jitqies li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, huwa jwettaq tali atti, il-marixxall tal-qorti, skond leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jeżerċitax l-attività tiegħu fil-forma ta' korp irregolat bid-dritt pubbliku, peress li ma jagħmilx parti mill-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika, iżda fil-forma ta' attività ekonomika indipendenti, imwettqa fil-qafas ta' professjoni libera u, għalhekk, ma jistax igawdi mill-eżenzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima.

(<sup>1</sup>) ĠU C 315, 22.12.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-tmien Awla) tat-22 ta' Mejju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden Den Haag — L-Olanda) — M. Ilhan vs Staatssecretaris van Financiën

(Kawża C-42/08) (<sup>1</sup>)

(L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Artikoli 49 KE sa 55 KE — Vetturi bil-mutur — Użu fi Stat Membru ta' vettura bil-mutur irreġistrata u mikrija fi Stat Membru ieħor — Intaxxar ta' din il-vettura fl-ewwel Stat Membru)

(2008/C 209/25)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden Den Haag

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: M. Ilhan

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden L-Aja — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 49 KE sa 55 KE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovd i l-għbir ta' taxxa ta' reġistrazzjoni matul l-ewwel użu ta' vettura fin-netwerk nazzjonali tat-toroq, indipendentement mit-terminu li fih jintuża dan in-netwerk — Intaxxar ta' persuna, stabbilita f'dan l-Istat Membru, li kriet vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor u li hija intiża essenzjalment li tintuża fl-ewwel Stat Membru għal għanijiet professjonali u privati għal perijodu ta' tliet snin

**Dispożittiv**

L-Artikoli 49 KE u 55 KE jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovd i li persuna residenti jew stabbilita fi Stat Membru li tuża' prinċipalment għewwa dan l-Istat Membru vettura bil-mutur irreġistrata u mikrija fi Stat Membru ieħor għandha, matul l-ewwel użu ta' din il-vettura fin-netwerk tat-toroq ta' l-ewwel Stat Membru, tħallas taxxa li l-ammont tagħha huwa kkalkolat mingħajr ma jittieħed in kunsiderazzjoni t-terminu tal-kuntratt ta' kiri ta' din il-vettura u lanqas dak ta' l-użu ta' l-istess vettura fuq dan in-netwerk.

(<sup>1</sup>) ĠU C 92, 12.4.2008.

Appell ippreżentat fit-3 ta' April 2008 minn Japan Tobacco, Inc. mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) fit-30 ta' Jannar 2008 fil-kawża T-128/06, Japan Tobacco, Inc. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) — Torrefacção Camelo

(Kawża C-136/08 P)

(2008/C 209/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Japan Tobacco, Inc. (rappreżentanti: A. Ortiz López, avukat, S. Ferrandis González, avukat, E. Ochoa Santamaría, avukat)